# IRRIDU EWROPA LI TKUN TĦADDAN FIHA KULL ETÀ

**Manifest** tal-**AGE Platform Europe**
Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew 2024

Verżjoni bil-Malti | Marzu 2024



## **Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien**

Il-kotra tat-tfal li qed jitwieldu fl-Unjoni Ewropea bħalissa x'aktarx li jgħixu għal aktar minn 100 sena.[1]

Li **tgħix fit-tul** hija kisba fiha nnifisha. Madanakollu, jekk ma nfasslux mill-ġdid kif is-soċjetajiet tagħna jħarsu lejn u jindirizzaw ix-xjuħija, se nitilfu l-benefiċċji u l-opportunitajiet ta' għomor fit-tul.





**Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien** iżda l-inugwaljanzi baqgħu jinġemgħu tul ħajjitna.

Jekk m'aħniex se nħarsu lejn il-ħajja fuq medda ta' snin, se nibqgħu nħallu lin-nies jaqgħu lura u se nitilfu l-opportunità biex nifirħu bid-diversità li nistgħu ngawdu meta nixjieħu.

**Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien** iżda l-etaiżmu mhux qed iħallina nagħtu dak kollu li nifilħu nagħtu, u dan jista' jħalli effett fuq is-saħħa, il-benesseri u l-għomor tagħna.[2]

Il-COVID-19 urietna kemm l-affarijiet jistgħu jmorru ħażin meta d-drittijiet umani ma jkunux imħarsa l-istess fix-xjuħija.[3] Jekk id-diskriminazzjoni minħabba l-età ma titqiesx b'mod daqstant iebes fil-liġi u fil-prattika bħal forom oħrajn ta' diskriminazzjoni, se niċċaħħdu mill-opportunità li nieħdu sehem **b'mod sħiħ u ndaqs** mal-oħrajn fis-soċjetajiet tagħna.



[1] Sors: Human Mortality Database | [2] Sors: Global report on Ageism | [3] Sors: AGE report on Human Rights and COVID-19

## L-ETAIŻMU X'INHU?

L-etaiżmu jiġbor fih l-**isterjotipi** (kif naħsbuha), il-**preġudizzji** (kif inħossu) u d-**diskriminazzjoni** (kif naġixxu) mal-oħrajn skont l-età li għandhom. L-etaiżmu istituzzjonalizzat jinħoloq permezz ta' liġijiet, regoli, normi soċjali, pulitika u prattiċi mħaddma mill-istituzzjonijiet li jirrestrinġu b'mod inġust l-opportunitajiet, u li jiżvantaġġaw sistematikament lill-oħrajn minħabba l-età li għandhom. L-etaiżmu interpersonali narawh fl-aġir ta' bejn tnejn min-nies jew iżjed, filwaqt li l-etaiżmu dirett minn u lejn il-bniedem innifsu iseħħ meta dan l-aġir ikun internalizzat.

Sors:: Global Report on Ageism (WHO, 2021)



**Ilkoll kemm aħna qed nikbru fiż-żmien** iżda ħafna drabi jgħodduna bħala vulnerabbli, dipendenti, dgħajfa u bla ħila, saħansitra piż finanzjarju fuq is-soċjetà.

Jekk il-kontributi u l-esperjenzi tagħna mhux se jkunu rikonoxxuti, apprezzati u sostnuti, mhux se jirnexxielna jkollna soċjetà li tkun tħaddan fiha kull età.

**Illum aħna naħdmu, ninvolvu rwieħna fil-ħajja politika, inwettqu xogħol volontarju, nieħdu ħsieb lil ħaddieħor, u naqsmu l-ideat mal-ġenerazzjonijiet żgħażugħa. Irridu li għada wkoll nibqgħu nagħmluh dan.**

Bħala **Membru tal-Parlament Ewropew** ta' għada inti tista' taċċerta ruħek illi l-Unjoni Ewropea tindirizza sew ir-realtà ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, u taħdem għal soċjetà li tkun taħseb għal kull età.

# Insejħu lill-Parlament Ewropew ġdid li ġej sabiex:

## 1. Jippromwovi l-Ugwaljanza bejn l-etajiet

- Iwessa' lil hinn mill-qasam tal-impiegi l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea dwar diskriminazzjoni minħabba l-età.
- **Iżid l-għarfien dwar l-etaiżmu** billi jippromwovi inizjattivi ħalli jintemmu prattiċi li joħolqu diskriminazzjoni minħabba l-età, u jitnedew kampanji edukattivi biex jinqerdu l-isterjotipi dwar ix-xjuħija.
- **Jindirizza kull forma ta' diskriminazzjoni** li n-nies tiltaqa' magħhom, u li jkunu msejsa fuq kombinazzjoni ta' fatturi bħall-età, il-ġeneru jew id-diżabilità, kif ukoll dawk il-forom ta' diskriminazzjoni li joktru fuq xulxin minn żmien għal żmien.
- Jiġbor u jxandar tagħrif dettaljat u inklussiv mingħajr limiti dwar ix-xjuħija biex ikun evalwat sew l-impatt li jista' jkollhom proċeduri u programmi li jiġu introdotti, ħalli dawn ikunu effettivi u jkun jista' jiġi segwit b'mod effikaċi kif ikunu qed jitqiegħdu fis-seħħ.
- Jappoġġja **konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-anzjani** li tkun tista' tixpruna riformi legali li jirroftaw id-diskriminazzjoni abbażi tal-età f'kull aspett tal-ħajja.



# Insejħu lill-Parlament Ewropew ġdid li ġej sabiex:

## 2. Jinkoraġġixxi l-involviment u l-anzjanità attiva

- Jassigura li l-anzjani jkunu involuti b'mod sensat f'**tisħib politiku** u jingħataw aċċess ugwali għall-oqsma ta' **kultura, ġustizzja, impiegi, tagħlim tul il-ħajja** u taħriġ vokazzjonali, inkluż il-ħiliet diġitali.

- Jiggarantixxi li l-anzjani jingħataw **aċċess sħiħ, indaqs u affordabbli għas-servizzi u għall-prodotti essenzjali**, bħal **dawk fl-oqsma tas-saħħa u tal-kura tal-oħrajn**, tal-ikel, akkomodazzjoni, trasport pubbliku, u servizzi bankarji; billi jingħataw alternattivi għas-servizzi diġitali.

- Jinkoraġġixxi inizjattivi fejn it-**transizzjoni** bejn it-tagħlim, ix-xogħol, ħarsien tal-familja, perijodi ta' qgħad u waqfien mix-xogħol minħabba l-età jistgħu jidħlu fis-seħħ mingħajr xkiel u **f'etajiet differenti**.

- Jippromwovi s-**solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet**, inkluż l-iskambju ta' għerf u ta' ħiliet kulturali, professjonali, u teknoloġiċi bejn żgħażagħ u anzjani.



# Insejħu lill-Parlament Ewropew ġdid li ġej sabiex:

## 3. Jiżgura awtonomija u benesseri

- Isaħħaħ **s-sostenibilità u l-kwalità ta' ħajja fuq ix-xogħol** mal-ħaddiema l-aktar anzjani, billi jitneħħew ostakli bħall-irtirar ta' bilfors, billi tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età fis-suq tax-xogħol, u billi l-post tax-xogħol jiġi addattat għal ħaddiema ta' kull età.

- Jassigura li **l-pensjonijiet u introjtu ieħor minn skemi ta' dħul minimu fix-xjuħija jkunu adegwati**, jindirizza r-realtà ta' kif dawn matul iż-żmien jitnawru, jagħti serħan il-moħħ finanzjarju lill-anzjani, biżżejjed biex tippermettilhom li jiksbu l-ħtiġijiet tagħhom, u biex ikollhom aċċess għal kura ta' saħħa u għal akkomodazzjoni adegwata, billi jittieħdu in konsiderazzjoni it-trasferabilità minn pajjiż għall-ieħor u l-migrazzjoni ġol-Unjoni Ewropea.

- **Iħares lill-anzjani minn kull forma ta' abbuż u ta' vjolenza,** li tiġbor fiha l-qerq, it-telqa u l-iżolament finanzjarju.

- Jassigura **awtonomija, indipendenza, parteċipazzjoni** u **inklużjoni** tal-anzjani fil-kura fit-tul; itejjeb il-kwalità u l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' *carers* formali fis-servizzi li jingħataw fit-tul, kif ukoll appoġġ għall-*carers* informali, li jkun jinkludi taħriġ adegwat.



# Kif?

- Billi jaħdem għall-adozzjoni ta' **Strateġija tal-UE għal Ugwaljanza bejn l-Etajiet** [4], biex tisħaq għal drittijiet umani indaqs għall-etajiet kollha, u biex tindirizza ostakli li ma jħalluniex ngħixu sewwa u fil-libertà meta nixjieħu.

- Billi jitlob li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejn dawk is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom impatt kritiku fuq il-politika li titfassal għall-anzjani. Din il-ħidma flimkien għandha tiġi assigurata mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumatur, responsabbli mill-ugwaljanza.

- Billi jitwaqqaf mill-ġdid l-Intergrupp Parlamentari dwar l-Anzjanità u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, li jqawwi qalb il-Membri tal-Parlament Ewropew biex ikunu minn ta' quddiem ħalli jiġġieldu għad-drittijiet tal-anzjani.

[4] ara l-proposta tagħna

Dan il-Manifest issawwar bil-kontributi tal-**Membri tal-AGE Platform Europe.**



# Min aħna

**AGE Platform Europe** hija nisġa ta' organizzazzjonijiet Ewropej li jaħdmu għall-interessi u għad-drittijiet ta' persuni anzjani. Imnebbħin mill-viżjoni biex nersqu "Lejn Soċjetà li tkun tħaddan fiha KULL età", AGE tirsisti biex tixxettel soċjetà inklussiva msejsa fuq il-benesseri, l-awtonomija, u s-sħubija indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja. L-Organizzazzjoni taħdem sabiex tissielet l-etaiżmu, tippromwovi d-drittijiet umani, u tħeġġeġ li jkun hawn aktar għarfien ta' dawk il-fatturi li jaffettwaw lill-anzjani fl-Unjoni Ewropea.

Fit-taqbida li għandna mal-istigma prevalenti kontra x-xjuħija u kontra l-etaiżmu, aħna nippromwovu dehra aktar realistika tal-età avvanzata. Aqra **l-gwida fil-qosor** tagħna biex tevita li tikkomunika b'mod sterjotipat meta titkellem dwar l-anzjanità u dwar l-anzjani.

**Websajt:** www.age-platform.eu

**Mezzi Soċjali:** Facebook | Linkedin | Twitter

## Kuntatt


**Maciej Kucharczyk**
Secretary General
**maciej.kucharczyk@age-platform.eu**

**Julia Wadoux**
Policy Manager
**julia.wadoux@age-platform.eu**


## Agħti sehmek

**Sostni l-Ugwaljanza fl-Età u s-Solidarjetà tul il-ħajja**

Saħħaħ il-missjoni tagħna biex ikollna soċjetà li tkun tħaddan kull età

Agħti sehmek


Photo Credits | Centre for Ageing Better

Co-funded by the European Union

Co-funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.
Transparency Register ID: 16549972091-86

AGE
PLATFORM Europe
TOWARD A SOCIETY FOR ALL AGES

